MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Numru. 1239/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Francesco k/a Frank Schembri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Francesco k/a Frank Schembri ta' 50 sena, iben Antonio u Antonia nee' Cassar, imwieled Zejtun fis-26 ta' Awwissu 1957 u residenti Framarg, Triq Joseph Montebello, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' 599257(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Schembri & Sons Limited, Hal-Far fis-27 ta' Lulju, 2007 fid-9.30a.m. u fil-granet ta' qabel naqas milli jhares s-Sahha u s-Sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli

jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, liema nuqqas wassal ghal korriment gravi ta' Melchoir Gafa' minn Birzebbuga, u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku u naqas milli jaghti dawk l-istruzzjonijiet, tahrig, informazzjoni u supervizjoni, dan ai termini ta' l-artikolu 6 (1) & (2) (3) ta' l-Att 27/2000 Kap 424.

2. Fil-kapacita' tieghu ta' persuna li thaddem fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi u fil-granet ta' qabel, naqas li jaghmel, jew li jizgura li ssir, evalwazjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03 u/jew artikolu 3 ta' l-A.L. 91 ta' l-2000.

3. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas li jara li qabel ma jimpjega lil xi zghazagh, jizgura li dawk iz-zghazagh ikunu gew ezaminati minn tabib, li jiccertifika li dawk iz-zghazagh huma b' sahhithom bizzejjed biex iwettqu ix-xoghol li jigi assenjat lilhom. Naqas ukoll li jizgura li z-zghazagh jigu ezaminati mill-gdid medikament mil-anqas darba kull tnax-il xahar. Naqas wkoll bhala persuna li thaddem zzomm registru fuq il-post tax-xoghol, li fih jigi registrat l-isem taz-zghazagh, id-data tat-twelid taghhom, id-data ta' meta jkun beda fl-impjieg, ir-rizultat ta' l-ezami mediku, kull kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li ssir mit-tabib, l-isem tat-tabib, d-data meta jukun imissu jsir l-ezami mediku iehor dwar dawk iz-zghazagh, u d-data meta dawk iz-zghazagh jispiccaw mill-impjieg taghhom u dan ai termini ta' l-artikolu 7(1) (2) ta' A.L. 91/2000.

4. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas li jara li kull zghazugh li jigi mpjegat maghhom ikun f' kull hin adegwatament protett kontra kull riskju li johrog mill-istima ta' periklu u j izgura li dak iz-zghazugh ikun f' kull waqt imharreg sew fix-xoghol lilu assenjat u sorveljat minn persuna kompetenti li tkun imharrga f' dik l-attivita' tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 4 (1) u 4 (3) (a) (b) ta' l-A.L. 91 ta' l-2000.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' April 2009 (esebit a fol. 22 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 61(1)(2) u (3) tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 10(1) ta' l-Avviz Legali 36/03 u/jew Artikolu 3 tal-Avviz Legali 91 ta' l-2000 u l-Artikoli 7(1) (2) tal-Avviz Legali 91/2000 u l-Artikolu 4 (1) u 4 (3) (a) (b) tal-Avviz Legali 91 ta' l-2000

issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa kumplessiva ta’ disgha mija u hamsin ewro (€950).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------